MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2014

Citazzjoni Numru. 967/2014

**Media & Graphic Services Limited (C-5390)**

**vs**

**Korporazzjoni ta' Xoghol u Taħriġ**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjetà attriċi, li ġie kkonfermat bil-ġurament minn Adriano Runza għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetà attriċi, u għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

*(i) Taqta' u tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u*

*(ii) Tikkundanna lill-Korporazzjoni intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' €19,922.44 rappreżentanti l-bilanċ minn somma akbar (€26,085.58) għas-servizzi reżi mis-soċjetà rikorrenti fl-interess u fuq struzzjonijiet tal-istess intimata, bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali u ċjoè mit-23 ta' Frar 2014 sal-ġurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tat-30 ta' Lulju 2014 u tat-8 t'Ottubru 2014.*

Semgħet lil Adriano Runza, direttur tas-soċjetà attriċi, li xehed bil-ġurament u kkonferma l-fatt li l-ammont totali dovut kien ta' €26,085.58 u li minnhom il-Korporazzjoni konvenuta ħallset biss is-somma ta' €6,163.14. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li l-bilanċ ta' €19,922.44 għadu dovut mill-Korporazzjoni konvenuta. Adriano Runza kkonferma li s-soċjetà attriċi kienet ingħatat l-inkarigu biex tipprovdi s-servizzi mertu ta' din il-kawża mill-uffiċċju taċ-Chairman tal-Korporazzjoni konvenuta. Ix-xhud żied jgħid li s-servizzi li ġew ipprovduti mis-soċjetà attriċi kienu relatati mal-*Job Fair* li kienet ittellgħet mill-Korporazzjoni konvenuta fil-lukanda Phoenicia.

Rat illi l-Korporazzjoni konvenuta ġiet debitament notifikata bir-Rikors Ġuramentat u bl-Avviż tas-Smigħ.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2014 Dr. Peter Fenech għall-istess Korporazzjoni konvenuta ppreżenta nota ta' ammissjoni f'isimha.

Eżaminat l-atti tar-Rikors Ġuramentat.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Ġuramentat jirriżultaw mistħoqqa.

**Il-Qorti għalhekk, filwaqt li qed tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), tilqa' t-tieni talba attriċi u tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi is-somma ta' dsatax -il elf, disgħa mija u tnejn u għoxrin euro u 44 ċenteżmu (€19,922.44), bl-imgħaxijiet relattivi skont il-liġi millum sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż kontra l-Korporazzjoni konvenuta.**

**Moqrija**

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Dep. Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------